# TAĦT IS-SATRA TAL-VELU

Awtriċi: Helen Borg
Pubblikazzjoni: Horizons

Taħt is-satra tal-velu hemm persuna. Hemm persuna tad-demm u l-laħam li wara hemm storja. L-abitu jaffaxxina lil ħafna minnha fis-sens li jqanqal sens ta' misteru u kurżità. Forsi dan kien li wassal lill-awtriċi tistħarreġ dan permezz ta' dawn l-istejjer.

L-istil ta' dan ir-rumanz mhux wieħed li normalement iltqajt miegħu. 37 kapitli li kważi jistgħu jinqraw separatament. Kollha b'isem ta' mara. Nimmaġina li dan l-awtriċi tagħmlu sabiex kull storja tkun marbuta ma' dak il-karattru partikolari u b'hekk ikun aktar faċli li wieħed jifhem ir-rumanz.

F'dan ir-rumanz nimxu mal-passi ta' Elisa kif ukoll tan-nisa l-oħrajn li jiffurmaw dan ir-rumanz u bħal możajk jingħqdu flimkien f'biċċa waħda u lejn l-aħħar tal-istorja wieħed jibda jifhem dak li jgħaqqadhom. Il-qarrej bħal jiġbor dawn il-biċċiet u jgħaqqadhom flimkien. Tiftaħ ir-rakkont Anjeże u mbagħad fl-aħħar tagħlaq dan ir-rumanz. Naturalment, u din inħobb ngħidha, kull rumanz magħmul biex jagħti gost u ma rridx naqa' fin-nasba li b'ħarsa letterarja nenfasizza aspetti u temi li joħorġu minnu bla ma nenfasizza l-għan prinċipali u l-aktar essenzjali. Imma kieku kolli nislet l-aktar temi li laqtuni f'dan il-ktieb ngħid li huma l-identita' personali li għalkemm taħt is-satra tal-velu toħroġ ħafna fil-personali tal-karattri li għandna hawnhekk. Imbagħad hemm ukoll it-tema femminili għaliex il-karattri li għandna huma nisa u wkoll it-tema tal-umanita'. Fil-kitba ta' Borg, u din innutajtha anke fir-rumanzi preċedenti toħroġ ħafna l-umanita' fil-karattri. F'din l-awtriċi wieħed jistenna attenzjoni partikolari għad-dettalji u f'dan is-sens dan il-ktieb ma jiddiżappuntax. Ngħaddu iżda għat-temi illi elenkajt minn dan ir-rumanz:

## L-identità

Ir-reliġjużi jilbsu l-abitu biex juru dak li huma, imma wkoll biex jostru dak li kienu. Iżda wara dak l-abitu hemm persuna. Hemm Elisa, Anjeze, Irene, Stella, Kristina, Rose, Mary, Dorotea, u oħrajn. Kull persuna tfisser lilha nfisha, naraw dak li għaddha minnha u sawwar l-identita' tagħha. Interessanti kif xi wħud minn dawn il-karattri li għandna hawn niltaqgħu magħhom bl-isem sekulari tagħhom, biex iktar tard fir-rumanz nibdew nagħrfu l-istess persuna blisem ta' soru.

Kultant nikkaratterizzaw lil persuni skont ix-xogħol li jkunu jagħmlu. Aħna ngħidu, "Dak ġurnalist! Dik għalliema! Dik ġurnalista!" Ix-xogħol jagħti identita'. Aktar u aktar fil-każ tar-reliġjużi. Ir-reliġjużi wkoll iżda jħobbu l-isports, id-delizzji tagħhom, il-qari, il-familja. Is-soru ġwejda li tagħmel tant karità, kif għexithom l-eww-el għoxrin sena ta' ħajjitha? Minn xiex għaddiet? Kull persuna għandha wkoll storja warajha, għandha wkoll ħajja.

Iżda l-abitu tar-reliġjużi huwa sens ta' identità. Għażlu dan biex jesprimu lilhom infushom, il-kariżma tagħhom. Huwa dak li sawwarhom fiż-żmien it-tfulija tagħhom.

## Il-Mara

Hanwhekk għandna ġrajja ta' nisa u l-mara hija protagonista f'dan ir-rumanz. Xi waqtiet bħal donnu dak l-abitu jġgħalna ninsew il-femminilita' tas-sorijiet. Għandna sorijiet, xjuħ, nidħlu fil-Kunvent tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet ta' Marija Madalena. Nammiraw id-dedikazzjoni ta' Elisa u Manwela u l-kura li dawn jagħtu. Kif għidt fl-introduzzjoni, Borg tagħti ħafna każ tad-dettalji. It-tgħannieqa, l-għafsa tal-id huma aspetti emottivi li joħorġu f'dan ir-rumanz. Permezz ta' dawn il-qarrej iħoss l-istess imħabba u bħal donnu jgħx l-istess esperejenza.

## L-Umanità

Fl-istejjer ta' Borg m'hemmx eroj perfetti u lanqas tellefin. Titkellem dwar l-umanita' kif inhi. Li jolqtoni f'din l-awtriċi hija li ma tiġġudikax imma titkellem dwar ir-realta' kif inhi. Dettalji kemxejn grafiċi ma jonqosux lanqas. Wieħed ser jistenna kemm stejjer ta' ħafna mħabba kf ukoll ta' moħqrija. Din hija l-umanita' li wieħd isib f'dan il-ktieb. Bħal bnedmin l-oħra s-sorijiet ukoll jitlewmu bejniethom.

Borg tagħmel ġustizzja mal-karattri bla ma tiġġudika. Tiskopri n-nies protagonisti f'dawn l-istejjer. Kif għidt fil-bidu l-isem tal-kapitlu jgħin lill-qarrejja billi dan il-ktieb fih ħafna karattri. U kull karattru huwa ħolqa li jiffurmaw katina waħda. Irridu ngħidu wkoll li fil-ktieb m'hemmx sekwenza peress li huma karattri differenti.

## Konklużjoni

Forsi nazzarda ngħid li f'dan il-ktieb għandna esperiment li mhux wieħed tradizzjonali u lanqas komuni almenu fix-xena letterarja Maltija. Il-kotba preċedenti ta' din l-awtriċi kollha kienu differenti u donnu li Borg dejjem tipprova tagħtina riċetta ġdida. Personalment irbatt wisq qalbi ma' "Iben id-Dell", però tajjeb li Borg




kompliet tifrex u tolqot gosti differenti u b'hekk tilħaq qarrejja differenti.

Fid-daħla tagħha Helen Borg tiddeskrivi l-ktieb hekk:

"Matul is-snin li għaddew minn fuqi, ltqajt ma' bosta nies li ħassew li setgħu jirrakkuntawli stejjer li xi kultant lanqas jitwemmnu. Il-qalb tal-kittieba tingħafas bil-ħsieb li dawn il-ġrajjiet se jintilfu malħajja li tiżvinta maż-żmien. Azzardajt niġbor dawn l-istejjer u nsiġthom fi storja waħda li għandha aspetti fittizji mmaljati mal-verità. L-ismijiet u ċ-ċirkostanzi huma kollha frott limmaġinazzjoni tiegħi imma l-karattri huma msawra fuq nies li b'xi mod jew ieħor imxew ftit passi miegħi. X'jirrakkonta l-ktieb? F'sentenza waħda: Ħajjiet ta' diversi nisa li xi darba libsu l-velu ta' sorijiet, u x'għadda minnhom kemm qabel l-għażla tagħhom, u kemm warajha"

Ktieb li ser tieħdu gost taqraw

# Awguri lil Alfred Palma

F'isem il-Paġna Letterarja tat-Torċa, nawgura mill-qalb lill-awtur Alfred Palma wara li s-Soċjeta' Esperantista Siciliana għadha kif onoratni bl-onorefiċenza Cavaliere di Sicilia

Xogħlijiet letterarji ewlenin ta' Alfred Palma: 1972: Qawsalla '72: ko-awtur f'ġabra ta' poeżiji ma' Alfred Massa, John Sciberras u Maurice Vella Borg 1990: A Book of Wit (Excalibur Press - Renju Unit) 1991: Id-Divina Commedia – Dante (traduzzjoni kompluta u irrimata bil-Malti – tliet volumi) 1992: From Head to Toe (Excalibur Press – Renju Unit) 1993: Preludji (Ġabra ta' poeżiji) 1994: Romeo u Ġuljetta (Shakespeare – traduzzjoni) 1994:100 Magic Prayers (Finbarr- Renju Unit) 1994: Bread and Wine Magic (Finbarr – Renju Unit) 1995: Il-Merkant ta' Venezja (Shakespeare –traduzzjoni) 1995: Overdose: Rumanz oriġinali 1996: L-Imqarba Immansata (Shakespeare –traduzzjoni) 1996: Ħolma ta' Lejla f'Nofs is-Sajf (Shakespeare –traduzzjoni) 1996: It-Tempesta (Shakespeare – traduzzjoni) 1996: Il-Kummiedja ta' l-Iżbalji (Shakespeare – traduzzjoni) 1996: It-Tnax-il Lejl (Shakespeare – traduzzjoni) 1996: Macbeth (Shakespeare – traduzzjoni) 1996: Colour Magic (Finbarr – Renju Unit) 1996: What was I saying? Book of Wit 1996: Aħfrilna Dnubietna (Rumanz oriġinali) 1997: Hekk Kif Jogħġbok (Shakespeare – traduzzjoni) 1997: Hamlet (Shakespeare – traduzzjoni) 1997: Ġulju Cesri (Shakespeare – traduzzjoni) 2000: Il-Qanpiena ta' Nofs il-Lejl (Ġabra ta' stejjer – David James – traduzzjoni) 2004: Faith – The Magic Key (Finbarr – Renju Unit) 2004: Nature's Magic (Finbarr – Renju Unit) 2005: Salome' (Dramm ta' Oscar Wilde – traduzzjoni) 2006: Ir-Ritratt ta' Dorian Gray (Rumanz ta' Oscar Wilde – traduzzjoni) 2007: De Profundis (Oscar Wilde – traduzzjoni) Lesti għall-istampa: 26 dramm ta' William Shakespeare, Candide ta' Voltaire (2007), l-Imrewħa ta' Lady Windermere, Mara xejn importanti, L-aqwa li tkun tabilħaqq Ernest u Raġel miżżewweġ ideali (erba' drammi ta' Oscar Wilde – traduzzjoni (2007-08) Katarsi: Ġabra ta' poeżiji (l994 – 2006) Iħirsa tal-Ġibs: Rumanz oriġinali (2008).